MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-15 ta' April, 2009

Appell Kriminali Numru. 301/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Edward Cassar**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Edward Cassar, bin Joseph u Jane nee Mifsud Ellul, imwieled fil-31/1/1953, detentur tal-karta ta’ l-identita` nru 213353(m) talli matul ix-xhur ta’ Marzu u April 2008 naqas milli jaghti l-manteniment dovut lil Mary Cassar hekk kif deciz quddiem l-Onor Imhallef Joseph Azzopardi nhar il-21 ta’ Frar 2008, li jammonta ghal €680 fix-xahar;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta’ Ottubru 2008 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Edward Cassar hati skond l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien xahar skond l-Artikolu 22 tal-

Kap. 446, u ordnat lill-hati jhallas €1,360 (elf tlett mija u sittin euro) fi zmien xahrejn skond l-Artikolu 24 ta’ l-istess Kap. 446;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Edward Cassar, minnu prezentat fl-24 ta’ Ottubru 2008, li permezz tieghu huwa talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza jew, alternattivament, ir-riforma taghha kwantu ghall-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta’ Marzu 2009; ikkunsidrat:

L-appellant ghandu tliet aggravji. L-ewwel wiehed hu maghmul jikkonsisti filli peress li martu ghamlet “att gravi w ingurjuz” fil-konfront tieghu, hu m’ghandux ikun kostrett li jhallasha manteniment. Dan l-aggravju huwa manifestament fieragh. Galadarba hemm ordni ta’ qorti kompetenti ghall-hlas ta’ manteniment, u sakemm dak l-ordni jibqa’ fis-sehh, l-ordni ghandu jigi osservat.

It-tieni aggravju hu li minhabba l-kundizzjoni ta’ sahhtu, l-appellant ma hux fil-posizzjoni li jzomm impjieg fiss, b’mod ghalhekk li huwa kien, fil-periodu inkriminat, fl-impossibilita` li jhallas il-manteniment kif ordnat mill-qorti kompetenti. Issa, ghalkemm mill-provi jirrizulta li, minhabba ragunijiet ta’ sahha, kien hemm xi periodu ta’ xi erba’ jew hames xhur meta l-kumpannija Marsovin (li taghha l-appellant huwa wkoll azzjonista) itterminatlu l-impieg li huwa kellu maghha bhala “konsulent”, b’dana kollu din il-Qorti ma tistax tghid b’hekk li l-appellant kien f’xi impossibilita` li jhallas il-manteniment ordnat mill-Qorti. Fi kwalunkwe kaz, u kif dejjem gie ritenut, tali allegazzjoni ta’ “impossibilita`” ghandha tingieb quddiem il-qorti li tkun ordnat il-hlas tal-manteniment u mhux quddiem din il-Qorti ta’ Gustizzja Kriminali. Il-Qorti ta’ Gustizzja Kriminali m’ghandhiex titqieghed fil-posizzjoni li trid toqghod taghmel analisi tal-mezzi ta’ dak li jkun – mezzi li jistghu jkunu indipendenti u separati minn semplici *income* gej minn impieg; kullma ghandha tara il-Qorti tal-Magistrati u din il-Qorti huwa jekk dak l-ordni tal-qorti kompetenti civili ghadux fis-sehh, u jekk ghadu fis-sehh, jekk giex osservat. Ghalhekk dana l-aggravju wkoll qed jigi respint.

L-appellant fl-ahharnett jilmenta dwar il-piena. Din il-Qorti, pero`, ma tara xejn hazin fil-piena erogata mill-ewwel Qorti – pjuttost tara li, trattandosi x’aktarx ta’ l-ewwel kaz li l-appellant kellu ta’ nuqqas ta’ hlas ta’ manteniment, l-ewwel qorti kienet pjuttost miti mieghu ghal dik li hi piena.

Ghall-motivi premessi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta’ xahrejn ghall-finijiet tal-hlas jibda jiddekorri mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------